# ŻEWĠ INIZJATTIVI GĦAL AKTAR EFFIĊJENZA FIL-QASAM TAT-TAXXA



EDWARD SCICLUNA / Ministru għall-Finanzi




Il-Ministru għall-Finanzi, il-Prof. Edward Scicluna jindirizza konferenza tal-aħbarijiet dwar inizjattivi għal aktar effiċjenza fil-qasam tat-taxxa *[Ritratt: REUBEN PISCOPO (DOI)]*

Aktar kmieni din il-ġimgħa ħabbarna t-twettiq ta' żewġ wegħdi elettorali li huma intiżi li jtejbu l-effiċjenza tat-taxxa u b'hekk jagħmlu l-ħajja ftit aħjar meta persuna jew kumpanija jkollha x'taqsam mat-taxxa.

L-ewwel miżura hi mmirata għall-kumpaniji. Din hi miżura oħra tal-baġit dik tal-proċedura ta' *off-setting* bejn kumpaniji privati u l-Gvern. Meta nitkellmu dwar *off-setting* jiġifieri li kumpanija tpaċi dak li jkollha tagħti lill-Gvern, ma' dak li jkollha tieħu mingħand il-Gvern. Hawnhekk, qed nitkellmu dwar likwidità. Fl-ekonomija aħna l-ekonomisti nsibu likwidità bħala żżejt li jmexxi l-magna. Mingħajr likwidità jiġifieri flus jew kreditu li tista' tużah għax hu f'idejk, il-magna tieqaf.

Il-liwkidità hi tajba sew għan-negozju u sew għall-Gvern. Biex inpoġġu l-enfasi fuq il-likwidità, din il-miżura ħabbarnieha f'konferenza tal-aħbarijiet ġewwa t-Teżor ta' Malta. Dan biex nuru li anke għall-Gvern il-likwidità hija essenzjali wkoll. Il-kapaċità tat-Teżor hi fost oħrajn li jara li l-gvern ikollu biżżejjed likwidità, jiġifieri biżżejjed flus biex iħallas is-salarji fost oħrajn. Min-naħa l-oħra, kumpanija mingħajr likwidità hi bħal bugħaddas li jispiċċalu l-ossiġnu, u jmut. Il-likwidità hija ferm essenzjali u dan il-Gvern jifhmu anke għall-kumpaniji. Jifhem il-problemi tagħhom.

Permezz ta' din il-miżura solvejna żewġ problemi komplessi. Minn naħa għandna t-taxxa, li jekk taqa' lura fit-taxxa tibda tidħol f'kumplikazzjonijiet ta' imgħaxijiet eċċ. Għalhekk ċertu kumpaniji jaqgħu lura għas-skapitu tagħhom. Min-naħa l-oħra għandek il-likwidità tal-Gvern. U jiġu affettwati il-*public procurement*, sew għat-toroq, sew għas-saħħa, sew għall-edukazzjoni u anke poltika soċjali. Dan għax dawk li jidħlu għal biċċa xogħol permezz tal-*public procurement* jistennew li jitħallsu fil-ħin.

Nagħmluha ċara, il-gvern ma għandu l-ebda interess li ma jħallasx fil-ħin. Għax bħalma nafu hemm id-differenza bejn il-*cash basic accounts* u l-*accrual basic accounts*. F'*accrual basis* jekk ma jħallasx xorta sa jidħlu fl-ispiża tal-Gvern. Jiġifieri min jaħseb li l-Gvern ma jħallasx biex forsi jitfagħħom fuq is-sena ta' wara, għandu żball għax ma jsirx hekk. Mhuwiex veru. Jekk il-pilloli xtrahom u tahom lill-pazjent u ġew ikkunsmati din is-sena, jekk ma jħallasx il-Gvern u jħallas is-sena d-dieħla xorta jidħlu fil-kotba tal-gvern li ntefqu din is-sena.

Allura r-raġuni li ma jitħallasx hi għal raġuni ta' *monitoring*, li dak li jkun intalab forsi ma jkunx sar kollu kif kien miftiehem. Ikun hemm affarijiet pendenti speċjalment dak li huma toroq, kumplikazzjonijiet, standards u dan kollu, u allura jinżammlu l-flus milli jitħallsu kollha. Dawn jibdew jakkumulaw u allura qegħdin fi stat fejn il-kumpanija għandha tieħu miljuni mingħand il-Gvern, għal kuntratti li għadhom ma ġewx iċċarati minn ministeru jew ieħor. Min-naħa l-oħra għandek id-dipartiment tat-taxxa, li huma għandhom jagħtuh. Kienet l-ideal li aħna inpaċuhom jiġifieri li jibbilanċjaw lil xulxin u b'hekk jikkanċellaw lil xulxin.

Però bħalma għidna diġà rridu nsolvu ż-żewġ problemi taż-żewġ partijiet. Kien għalhekk li biex imbagħad, allura ħloqna taqsima apposta li se tiddedika ruħha fuq hekk. Ix-xogħol ta' din it-taqsima se jkun li b'mod volontarju tħaddem din il-proċedura. 'Il quddiem se naraw kif din il-proċedura ta' *off-setting* tista' tiġi estiża b'mod normali għal kulħadd. Naslu f'punt fejn il-gvern jaqbillu wkoll li jiddeċiedi hu li ċerti kuntratturi jagħtu dak li għandhom għaliex huma wkoll għandhom x'jagħtuh. Jiġifieri din il-proċedura bil-mod il-mod għad trid tinfirex. Madankollu rridu ngħidu li minkejja li jista' jkun hemm xi ftit tal-problemi fil-bidu, ngħidulhom *teething problems*, il-gvern se jibda mill-aktar fis b'din il-proċedura, u ma jistax iħalli f'idejn amministrazzjoni oħra, għax inkella se tkompli tiġġebbed.

Dan il-Gvern wiegħed dak li kien ġie mwiegħed qabel. Iżda llum qed nuru li dan il-Gvern għal darb'oħra se jimplimentaha. Nimplimentaw. Ara kemm hawn affarijiet u nitkellmu fuq pensjonijiet, fuq ċekkijiet, jekk l-ekonomija ma tirrendix permezz tan-negożji, jaqa' kollox u dak li ġie mwiegħed ma jitwettaqx. Din il-miżura hi waħda essenzjali u importanti għax se tgħin fil-likwidità. Se tgħin lil dawk il-kumpaniji li jkollhom bżonn il-likwidità jitħallsu mill-ewwel mingħand il-gvern filwaqt li jpaċu dak li għandhom jagħtu. Din il-miżura propriju daħlet fis-seħħ mil-lum, 10 ta' Mejju 2019.

Intant, din il-ġimgħa wkoll, flimkien mas-Segretarju Permanenti Ewlieni Mario Cutajar, inawgurajna uffiċju ġdid *one stop shop* għas-servizzi ta' ħlas ta' taxxa. Dan l-uffiċċju sabiħ u modern jinsab fil-Furjana, biswit il-kwartieri ġenerali tal-Pulizija.

Bħal f'kull uffiċċju modern ieħor tieħu gost f'ambjent sabiħ li tara kif qed jiġi riformat u tiżdied l-effiċjenza fis-settur pubbliku. Bħas-settur privat, is-settur pubbliku għandu żewġ partijiet, dik li ngħidulha *back office* u l-*front office*. It-tnejn li huma qed jiġu rifurmati. Fil-*back office* huwa importanti li l-gvern ikun *on top of the things*, ma nistgħux u mhux aċċettabbli li jkollna *back log*. Għalhekk tajjeb li jkun hemm id-*data* u l-informazzjoni kollha f'post wieħed, l-aħjar f'*software*. Programm li permezz tiegħu tiġbor kollox f'daqqa kemm jekk *number crunching* u anke affarijiet ta' investigazzjonijiet.

Min-naħa l-oħra mbagħad hemm il-*front office* li issa qed jiġi modernizzat u mogħti wiċċ ġdid u attraenti. Irid jiġi riformat. Għandna ekonomija li qed tikber, qegħdin f'sitwazzjoni bħal ta' persuna li qed tikber u l-libsa ma tiġihiex iżjed. Kont ixxukkjat meta xi żmien ilu ġie xi ħadd qalli li ġie f'uffiċċju tal-Gvern, spiċċa jistenna fis-sħana mingħajr arja kundizzjonata. Meta tmur f'bank, tistenna servizz modern, anke jekk uffiċċju ta' *insurance* eċċ. Iżda mbagħad tmur it-taxxa biex tħallas il-flus u tispiċċa tingħata servizz ta' seklu qabel. Għalhekk hu ta' pjaċir għalija, li inawgurajna *front office* ġdid li se jagħti servizz ta' taxxa kif jixraq.

Idealment, fil-futur, dan l-uffiċċju jintuża mill-inqas u mistenni jkun effiċjenti jekk ma jeżistix, għaliex is-servizz jiġi mogħti kollu *online*. Għalhekk ma jkunx hemm iżjed bżonn il-preżenza fiżika tiegħek, u li tinqala' mid-dar tiegħek u toqgħod issuq il-karozza biex tinqeda. Għadna ma wasalniex s'hemm, iżda 'l hemm qed inħarsu. Il-fatt li d-dipartiment tat-taxxa issa għandu post denju u modern li jikkompeti ma' istituzzjonijiet oħra sew privati u pubbliċi se jkun jista' jagħti servizz aħjar. Kemm jista' jkun qed nippruvaw niġbru kollox f'post wieħed. L-agħar ħaġa hi li dak li jkun imur f'post, imbagħad f'ieħor u dak jibagħtu 'l hemm u 'l hawn.Aħna nixtiequ kemm jista' jkun li s-sistema tkun iktar effiċjenti milli tkun *online*, jew għall-inqas f'post wieħed.

Nisperaw li dan is-servizz li se jingħata jkun ta' sodisfazzjon. Jien naħseb għandkom idej, ta' kemm fuq kollox it-taxxa jew l-amministrazzjoni tagħha u tal-politika soċjali jolqtu nies u eventwalent jiddeterminaw il-ħajja ta' dak li jkun. B'mod speċjali l-pensjonanti li teqridhom il-ħaġa li ma jistgħux jieħdu risposta minn dipartiment. Jeqridhom aktar il-fatt li jafu li hemm '*refund* u ma jeħduhx. Bniedem għandu dritt ukoll jistenna li meta jibgħat *email*, jirċievi risposta sodisfaċenti. Ħafna mill-ilmenti li jiġu għand il-*customer care* tal-ministeru jkunu diġà spiċċaw daru kullimkien, u għalhekk ikun *last resort*. Ħamsin fil-mija jkollhom raġun filwaqt li l-ħamsin fil-mija l-oħra ma jkollhomx. Jiġifieri mhux kull minn jilmenta jkollu raġun. Iżda *customers must come first*, jiġifieri għandhom raġun jew le, għandhom jingħataw spjegazzjoni.

Dawn il-ħafna *customer cares* fil-ministeri qegħdin hemm għax irridu namettu li oħrajn ifallu. Għalhekk imbagħad ikollhom iduru lejn il-*customer care* tal-ministeru. Jien ninsab konxju minn din is-sitwazzjoni, u nisperaw li għada pitgħada nħallu sitwazzjoni aħjar milli sibnieha.